**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 19 t' April, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**vs**

**Enrico Camilleri detentur tal-karta tal-identita' numru 544165M**

Kumpilazzjoni Nru. 113/16

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Enrico Camilleri u ċioè talli:

1. b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-Ligi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, u cioe` talli fiż-żminijiet bejn it-2 ta'April, 2012, u t-18 ta'Ġunju, 2014, mill-fond Numru 14 Casa Bella Triq Il-Ġdid Ħal-Luqa u/jew f'dawn il-gżejjer ikkommetta serq ta' dawl elettriku fl-ammont ta' anqas minn €2329.37 liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur, lok, u ħin għad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta u jew persuni/entitajiet oħra.

2. fl-istess żmien u ċirkustanzi għamel ħsara fil-makkinarju jew fil-gummi tal-elettriku jew ikkaġuna telf tal-kurrent elettriku.

3. kiser il-provedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 mogħti lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Dr.N.G.Sciberras LL.D.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-parte leza, u cioe' il-kumpanija Enemalta, iddikjarat li ma baqghala ebda pendenza rigward dan il-kaz u ghalhekk kienet qed tirrinunzja minghajr rizerva ghall-passi kriminali.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 283A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara pročediment ezawrit.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**